**293. Il-Ministru tal-Edukazzjoni u tal-Intern l-Onor. Ugo Mifsud Bonnici jipproponi:**

Illi l-policy dwar it- trasferiment ta' art tal-Gvern għall-għanijiet tal-artikolu 3 (1) (b) tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, kif approvata mill-Kamra fl-4 ta' Awwissu, 1976, u kif sussegwentement kienet emendata mill-istess Kamra fit-2 ta' Ġunju, 1981, fil-25 ta' Mejju, 1983, fit-2 ta' April, 1984, u fis-27 ta' Lulju, 1988, għandha tkompli tiġi emendata kif ġej:

(i) taħt <u>TRASFERIMENT B'TITOLU TA' KERA</u>.

Wara l-paragrafu 6 (f) għandu jiżdied dan il-paragrafu (ġ):

> (ġ) jekk tikkonsisti f'fond kummercjali li tiġi allokata, direttament mill-Gvern b'kiri ġdid lil dawk l-ulied jew ulied l-ulied, illi favur tagħhom ikun irrinunzja l-inkwilin preċedenti (u biss jekk dan ikun għalaq l-eta' ta' wieħed u sittin sena).
>
> Il-kera tal-fond tkun iffissata fuq bażi tal-kera tal-kirja preċedenti miżjuda b'għaxra fil-mija għal kull perijodu ta' għaxar snin u/jew parti minnhom li jkunu għaddew minn meta l-aħħar ġiet stabbilita għall-kera tal-kirja precedenti.

(ii) Wara l-paragrafu 14, għandu jiżdied dan il- paragrafu ġdid 15:

Għotja ta' art bi tpartit.

15. Art tal-Gvern tkun tista' tingħata bi tpartit m'art oħra li tkun dikjarata meħtieġa għal skop pubbliku taħt l-Ordinanza XL tal-1935, lil sid l-art hekk iddikjarata, iżda fejn teżisti differenza fil-valur bejn iż-żewġ artijiet mogħtija bi tpartit, dik id-differenza tiġi ekwiparata bl-għotja wkoll ta' żieda fi flus. B'dan iżda illi t-tpartit ma jistax isir jekk id- differenza fuq imsemmija taqbeż it-tletin fil-mija tal-valur tal-art esproprjata.".

28.10.1991